# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' April 2016**

**Rikors Numru 375/13 FDP**

**Cassar Fuel Service Station Limited**
**(C 56102)**

**vs**

**Total Care Laundry Limited**
**(C 49375)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 27 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti Cassar Fuel Service Station Limited talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata Total Care Laundry Limited is-somma ta' hamest elef, sebgha mija u tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€5,782.71), rappresentanti prezz ta' 'fuel' debitament ordnat u supplit lis-socjeta intimata mis-socjeta rikorrenti, u li tieghu kienu ghadu ma sarx hlas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali 2454/13 tal-14 ta' Ottubru 2013 abbazi tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 u tal-Mandat ta' Sekwestru 2386/13 tal-14 ta' Ottubru 2013 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-riposta tas-socjeta intimata ippresentata fis 6 ta' Marzu 2014 fejn eccepiet illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti stante illi kient hemm ftehim datata 3 ta' Gunju 2013 fejn l-ammont meritu tal-kawza odjerna gie amalgament ma' ammont iehor dovut lill-socjeta ohra, ossija Cassar Petroleum Services Limited, u sar ftehim ta' pagamenti rateali, liema ftehim kien issa l-meritu ta' kawza ohra, ossija Citazzjoni Nru 1064/13 LSO intavolat minn Cassar Petroleum Services Limited kontra l-istess socjeta intimata. Sahqet ukoll Darren Marmara, Chief Executive Officer tal-Cassar Group, illi tinkludi s-socjeta rikorrenti, kellu jinzamm responsabbli ta' dan u ghalhekk talbet il-kjamat in kawza tieghu. Fl-ahhar nett, is-socjeta intimata eccepiet l-

incompetenza rationae materiae stante illi sahhqet illi l-ammont attwalment dovut kien oghla minn dak illi dina l-Qorti ghandha kompetenza tiddeciedi.

Rat l-atti tal-kawza fuq imsemmija, ossija Citazzjoni Nru 1064/13 LSO, esebiti mis-socjeta intimata fil-proceduri odjerni in sostenn tal-pretenzjonijiet tas-socjeta intimata.

Rat illi fis 7 ta' Marzu 2014, il-Qorti, in vista ta' l-eccezzjonijiet ippresentati, ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Semghet ix-xhieda ta' **Christopher Aquilina**, direttur tas-socjeta intimata, moghtija fit 2 ta' Mejju 2014 u rat l-affidavit a fol 104 sa 117 fil-process li huwa kkonferma bil-gurament.

Semghet ix-xhieda ta' **Daniel Aquilina** moghtija fit 30 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Darren Marmara**, Chief Executive Officer tas-socjeta rikorrenti, moghtija fl-14 ta' Lulju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Darren Marmara moghtija fis 26 ta' Marzu 2015 u fit 30 ta' April 2015 kif ukoll dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis 26 ta' Novembru 2015, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.

Rat illi fid 29 ta' Frar 2016, wara tlett differimenti fejn ma gara xejn u r-rappresentanti tas-socjeta intimata qatt ma dehru, il-Qorti iddifferiet il-kawza ghall ahhar darba ghal-provi kollha tal-partijiet fuq il-kawza kollha bl-intiza cara illi wara dakinhar, il-kawza tithalla ghas-sentenza finali.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016, reggha ma deher hadd u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi illi kien hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata topera kumpannija ta' 'laundry' u kienet, ghal xi zmien, tixtri il-'fuel' sabiex thaddem il-fabbrika taghha ta' gewwa San Gwann, minghand il-Cassar Group, liema Cassar Group kellhom zewgt kumpanniji illi jissupplixxu lis-socjeta intimata, ossija is-socjeta rikorrenti fil kawza odjerna u s-socjeta Cassar Petroleum Services Limited.

Jirrizulta illi, mument minnhom, wara illi s-socjeta intimata giet supplita b'materjal ghal diversi xhur minghajr ma hallset ghal tali materjal, ic-Chief Executive Officer tal-Cassar Group, Darren Marmara beda jinsisti ghal pagamenti u, di fatti, fit 3 ta' Gunju 2013 (fol 174) sar ftehim illi s-socjeta intimata kellha thallas il-pendenzi kollha dovuti liz-zewgt socjetajiet tal-Cassar Group, li kienet tinkludi wkoll is-socjeta rikorrenti, permezz ta' pagamenti rateali.

Jirrizulta illi saru diversi pagamenti, izda dejjem lis-socjeta Cassar Petroleum Services Limited, madanakollu s-socjeta intimata ma kienetx qieghda tonora l-ftehim minnha maghmul u ghalhekk il-Cassar Group nieda zewgt proceduri kontra s-socjeta intimata, wahda f'isem Cassar Petroleum Services Limited, ossija Citazzjoni 1064/13 LSO, u l-ohra, li hija l-kawza odjerna, f'isem Cassar Fuel Services Station Limited.

Jirrizulta illi d-difiza tas-socjeta intimata hija illi, la darba kien hemm ftehim ma' Cassar Group li sar fit 3 ta' Gunju 2013, l-ammonti dovuti lis-socjeta rikorrenti gew assunti mill-Cassar Group u ghalhekk ma humiex dovuti lis-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ma hemm ebda indikazzjoni illi l-hekk imsejha Cassar Group hija entita' legali u distinta, bhalma hija s-socjeta rikorrenti, u ghalhekk ma ingabet ebda prova sabiex turi illi l-Cassar Group setghet legalment tassumi d-dejn dovut lis-socjeta rikorrenti da parte tas-socjeta intimata.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti, illi l-frazi 'Cassar Group' ma hija xejn aktar milli isem sabiex jghaqqad flimkien il-varji ditti tal-familja Cassar illi huma ghandhom fi hdanhom, inkluzi s-socjeta rikorrenti u is-socjeta Cassar Petroleum Services Limited, li kienu z-zewgt ditti illi fornew materjal lis-socjeta intimata.

Jirrizulta, finalment, illi l-ammont mitlub mis-socjeta Cassar Petroleum Services Limited fil-kawza fuq imsemmija ma jinkludi bl-ebda mod l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti fil-kawza odjerna, dwar liema ammonti ma ingiebet ebda prova li turi illi attwalment is-somma mitluba mis-socjeta rikorrenti permezz tal-kawza odjerna thallst, in intjer jew in parti.

Ghalhekk, ghalkemm is-socjeta intimata ttenntat thawwad il-kawza u l-meritu taghha billi dahhlet lill Cassar Group u Cassar Petroleum Services Limited, jidher car illi dana kien biss tentattiv sabiex tahrab mill-obbligi taghha illi thallas ghal-servizz lilha debitament offrut mis-socjeta rikorrenti u li tieghu hija ghadha ma hallset xejn.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kif prodotti quddiemha

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** it-talbiet attrici kif dedotti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' hamest elef, sebgha mija u tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€5,782.71), kif ahjar deskritti fir-rikors promotur.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax kif mitlub fir-rikors promotur ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur